

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Jannar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Braunschweig – il-Ġermanja) – Queisser Pharma GmbH & Co. KG vs Bundesrepublik Deutschland**

(Kawża C-282/15)<sup>(1)</sup>

[Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-merkanzija — Artikoli 34 sa 36 TFUE — Sitwazzjoni puramente interna — Sigurtà tal-prodotti tal-ikel — Regolament (KE) Nru 178/2002 — Artikolu 6 — Princípju tal-analiżi tar-riskji — Artikolu 7 — Princípju ta' prekawzjoni — Regolament (KE) Nru 1925/2006 — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprobixxi l-manifattura u t-tqegħid fis-suq ta' supplimenti tal-ikel li jkun fihom aċċidi amminiċi — Sitwazzjoni li fiha deroga temporanja minn din il-projbizzjoni taqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-awtorità nazzjonali]

(2017/C 070/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Braunschweig

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Queisser Pharma GmbH & Co. KG

Konvenuta: Bundesrepublik Deutschland

**Dispożittiv**

L-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-htiġiġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jistabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprobixxi l-manifattura, l-ipproċessar jew it-tqegħid fis-suq ta' kwalunkwe suppliment tal-ikel li jkun fih aċċidi amminiċi, ħlief fil-każ ta' deroga minn awtorità nazzjonali li għandha setgħa diskrezzjonali fdan ir-rigward, meta din il-leġiżlazzjoni hija bbażata fuq analiżi tar-riskji li tirrigwarda biss ċerti aċċidi amminiċi, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika. Fi kwalunkwe każ, dawn l-artikoli għandhom jiġu interpretati li jipprekludu tali leġiżlazzjoni nazzjonali, meta din tipprevedi li d-derogi mill-projbizzjoni intiża mill-imsemmija leġiżlazzjoni jistgħu jinħarġu biss għal perijodu determinat anki fil-każ li jiġi stabbilit li s-sustanza ma hijiex perikoluża.

(<sup>(1)</sup> ĠU C 294, 7.9.2015.)

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-19 ta' Jannar 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Appeal Commissioners – I-Irlanda) – National Roads Authority vs The Revenue Commissioners**

(Kawża C-344/15)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) — Attività ta' ġestjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' infrastrutturi tat-toroq bi ħlas ta' pedaġġ — Attivitajiet imwettqa minn korp irregolat mid-dritt pubbliku bħala awtorità pubblika — Preżenza ta' operaturi privati — Distorsjonijiet sinjifikattivi tal-kompetizzjoni — Eżistenza ta' kompetizzjoni attwali jew potenzjal)

(2017/C 070/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Appeal Commissioners